# Kuntatt
## ...ma' l-iskola t'ibnek

Novembru 2007

Messaġġ mill-Kap ta' l-Iskola

## Ir-riżultati ma jiġux mix-xejn

Is-sena skolastika 2007-2008 għadha fil-bidu tagħha iżda diġà ninsabu resqin lejn tmiem l-ewwel term. Jgħaddu l-festi tal-Milied, nibdew sena ġdida u ftit tal-ġimgħat wara jaslu l-eżamijiet ta' nofs is-sena. Liema hu dak il-ġenitur li aktar ma joqrob iż-żmien ma jibdiex jistaqsi min jaf kif ser imur it-tifel tiegħu?

Għalkemm eżami dejjem jibqa' eżami mhux daqshekk diffiċli li wieħed ibassar x'jista' jkun ir-riżultat. Kull ma hemm bżonn hu li nużaw l-għodda għad-dispożizzjoni tagħna biex nassiguraw li sehem uliedna fil-proċess tat-tagħlim hu sħiħ daqskemm mistenni.

X'inhi din l-għodda? L-ewwel u qabel kollox ir-rieda tagħna biex insibu ħin għalihom. Nieqfu mill-affarijiet tagħna u niffukaw ħarsitna fuq dak li wliedna qed jagħmlu matul il-ħin li jqattgħu l-iskola. M'hemmx għalfejn nagħmlulhom xi interrogazzjoni. Biżżejjed nifitħu għajnejna u ninnutaw.

It-tifel kemm jilbes l-uniformi bil-qalb? Kemm għandu l-basket ta' l-iskola organizzat? Kemm jieħu ħsieb il-kotba u l-pitazzi puliti? Kemm għandu d-djarju aġġornat? Kemm hu organizzat f'xogħlu? Kemm ilaħħaq tajjeb ma' dak kollu li għandu jagħmel?

It-tweġibiet għandhom jibdew jgħinuna nifhmu x'inhi l-attitudni tat-tifel lejn l-iskola u kif x'aktarx li huma sejrin l-affarijiet. Ikun tajjeb li nitkellmu mat-tifel u nuruh fejn u kif jista' jirranġa. Fuq kollox nuruh li mhux ser inħalluh jgħum waħdu u li jekk mhux kollox jidher sejjer tajjeb ser isibna warajh.

Min-naħa tagħha l-iskola qed tgħin billi f'Novembru, f'Jannar u f'Mejju tibagħtilkom rendikont kif sejjer it-tifel f'kull suġġett skond numru ta' kriterji. Dawn il-kriterji m'humiex ta' natura akkademika iżda għandhom valur xorta waħda u jħallu marka fuq il-progress tat-tifel fis-suġġetti.

Inħeġġiġkom tużaw din l-għodda tajjeb. Iflu sewwa dak ir-rendikont u kull fejn hemm xi ħjiel li l-affarijiet jistgħu jkunu aħjar araw x'hemm bżonn isir. Ftakru li r-riżultati ma jiġux mix-xejn.

J. Micallef
Kap ta' l-Iskola

Tel: 21642427 Fax: 21642423
Email: sanbenedittu.bco@gov.mt
Website: http://schoolnet.gov.mt/kulleggsanbenedittubco

# Editorjal - Qatt m'hu tard

Ftit tal-jiem ilu t-tifel ħa d-dar xi applikazzjonijiet biex jagħti l-eżamijiet tas-SEC. Dawn il-formoli nebbtu sensiela ta' ħsibijiet f'moħħ l-omm. Bil-kemm riedet temmen li t-tifel tagħha kien wasal fl-aħħar sena tas-sekondarja. Ġabitu quddiem għajnejha għadu sejjer l-ewwel darba l-iskola meta kellu tliet snin. Kemm jgħaddi ż-żmien! Ftit xhur oħra u binha kien se jsib ruħu fid-dinja ta' barra.

Quddiem għajnejha bdew ġejjin għadd ta' esperjenzi tat-tifel fl-iskola, memorji sbieħ, imma mhux biss. Ħsibijiet oħra b'xi mod bdew iniggżulha l-kuxjenza. Kienet tatu biżżejjed ħin lit-tifel fil-mixja tiegħu ta' l-iskola? Interessat ruħha f'dak li kien iġib miegħu kuljum id-dar? Attendiet bil-qalb l-iskola fil-ġurnata ta' Jum il-Ġenituri? Ippruvat tikkonvinċi lil missieru biex juri ftit interess huwa wkoll? Dejjem ikkooperat ma' l-għalliema ta' binha? Ħeġġitu biżżejjed biex jagħmel ħiltu fix-xogħol ta' l-iskola?

Għal dawn il-mistoqsijiet mhux dejjem kellha risposta pożittiva. Xtaqet kieku treġġa' l-arloġġ lura imma dan ma setax iseħħ. Fil-fond ta' qalbha kienet taf li kieku sehemha u sehem żewġha kienu aktar preżenti fl-esperjenza ta' l-iskola ta' binhom, l-istorja kienet tkun ħafna aħjar.

U inti? Kemm qed tagħtih sehmek fl-edukazzjoni tat-tifel? Bħala ġenitur għandek ir-responsabbiltà li ma tħallix l-arloġġ tiegħu jaħrab ukoll qabel ma tintebaħ! Qatt m'hu tard biex tibda tinvolvi ruħek fil-mixja edukattiva tiegħu.


Bord Editorjali: G. Micallef (Asst. Kap), D. Agius Muscat, P. Callus, M. Zahra Sacco
Issettjar: P. Callus, A. Galea
Disinn: R. Mamo


# Kunċert minn banda Ġermaniża fl-iskola 'Lily of The Valley'

Erbatax-il student mill-Kulleġġ tagħna kellhom l-opportunità li jattendu għal kunċert żgħir minn banda Ġermaniża fl-iskola 'Lily of the Valley', il-Mosta. Il-mużiċisti kienu madwar sittin, kollha ta' età żgħira. Kien hemm ukoll banda Maltija, il-banda ta' Marija Reġina tan-Naxxar. Dawn il-bandisti wkoll kienu ta' età żgħira ħafna u dehru ddedikati u ddixxiplinati immens fejn jidħol id-daqq ta' l-istrument tagħhom. Għalhekk l-istudenti tagħna setgħu japprezzaw iktar l-isforz u t-talent ta' dawn il-bandisti żgħażagħ. Il-programm dam madwar siegħa u nofs u kien programm varjat u mżewwaq għall-aħħar. Minbarra s-siltiet klassiċi li interpretaw, il-mużiċisti daqqew ukoll mużika folkloristika ta' pajjiżhom kif ukoll xi kanzunetti popolari tal-widna li l-udjenza kollha spiċċat tkanta magħhom. Ta' min jgħid li l-udjenza kienet komposta minn studenti ta' skejjel primarji u sekondarji Maltin, studenti li b'xi mod jew ieħor urew imħabba lejn il-mużika. L-istudenti li ntgħażlu mill-Kulleġġ tagħna kienu dawk li qegħdin fil-banda ta' l-iskola, immexxija mis-Sur A. Pace.

## Il-Jum Ewropew tal-Lingwi

Nhar it-Tlieta, 30 ta' Ottubru 2007, l-iskola tagħna ċċelebrat il-Jum Ewropew tal-Lingwi. Dan il-jum iċċelebrajnieh permezz ta' tħejjija ta' platt b'ikel tipiku minn erba' pajjiżi differenti. Dan il-platt kien jinkludi: insalata ta' l-għaġin stil Taljan, *Quiche Lorraine* stil Franċiż, *Sangria* li hija xarba tipika Spanjola u *Apfelkuchen*, deżerta tipika Ġermaniża. Ir-riċetti ġew addattati biex jaqblu mal-politika tal-*healthy eating* li tħaddan l-iskola tagħna. Fis-sit elettroniku ta' l-iskola tagħna ssibu r-riċetti oriġinali kif ukoll dawk addattati li użajna partikolarment għal din l-okkażjoni. Dan sar fuq suġġeriment ta' xi ġenituri wara l-attività tas-sena l-oħra.





P. Callus u M. Dalli

## Taħriġ fuq il-ħiliet tat-tmexxija

Nhar it-Tnejn 5 ta' Novembru, l-għalliema tal-PSD organizzaw ġurnata ta' taħriġ fuq il-ħiliet tat-tmexxija. L-istudenti li attendew kienu l-*prefects* u *sub-prefects* tal-klassijiet u *bus prefects*. Dan is-seminar sar għax inħasset il-ħtieġa li dawn l-istudenti jakkwistaw ħiliet biex ikunu jistgħu jmexxu aħjar fir-rwol li għandhom. Is-seminar sar Mount St. Joseph, il-Mosta. Kellhom sessjonijiet diversi fuq stili differenti ta' tmexxija, komunikazzjoni u assertività. L-istudenti li pparteċipaw ħassew li dan is-seminar kien suċċess.

L-għalliema tal-PSD

## Id-djarju ta' l-iskola – mezz ta' komunikazzjoni bejn l-iskola u d-dar

Id-djarju huwa meqjus mill-iskola bħala dokument semi-uffiċjali minħabba li fih tinżamm informazzjoni personali dwar l-istudent. Huwa mistenni li kull student iġib dan id-djarju kuljum, kif ukoll iniżżel ix-xogħol tad-dar mogħti lilu. Id-djarju jservi wkoll bħala mezz ta' komunikazzjoni bejn id-dar u l-iskola. Hija r-responsabbiltà tal-ġenituri li jiffirmaw noti miktuba mill-għalliema kif ukoll jieħdu nota ta'attivitajiet li jsiru ġewwa l-iskola u li jkunu mniżżlin fid-djarju. Għaldaqstant huwa fl-interess ta' kull ġenitur li jara dan id-djarju ta' l-anqas darba fil-ġimgħa u jiffirma skond kif meħtieġ.

# KALENDARJU 2007

## *Novembru*

Sports Fest - 12-16
Assessjar (l-ewwel term) - 12-16
Id-Diversità (ħarġa edukattiva għall-Form 4) - 20
Kampanja kontra t-Tipjip (Form 3) - 22
Is-Seperazzjoni ta' l-Iskart (Form 1) - 23
Ilkoll Indaqs (taħdita għall-Form 3) - 26
Tagħrif fuq Karrieri (ħarġa edukattiva għall-Form 5) - 28

## *Diċembru*

Laqgħa għall-Ġenituri fuq l-Istudju - 3
Laqgħa għall-Ġenituri tal-Primarji - 4-5
Lejla għall-Ġenituri - 7
Żjara mill-Istudenti tal-Primarji tal-Kulleġġ - 10
Ħarġa Kulturali (selezzjoni mill-Form 3) - 11
Vaganza Pubblika - 13
Programm ta' Attivitajiet għall-Milied - 17-21
Vaganzi tal-Milied - 24-31

## *Jannar*

Vaganzi tal-Milied - 1-4
Bidu tat-Tieni Term - 7
Laqgħa għall-Għalliema (l-iskola sa n-12:30) - 17
Seminar fuq il-Karrieri (selezzjoni mill-Form 4) - 21-22
Assessjar (it-tieni term) - 23-29

## *Frar*

4-5 - Vaganzi tal-Karnival
8 - Relazzjonijiet (laqgħa għall-ġenituri tal-Form 3)
11-19 - Eżamijiet ta' Nofs is-Sena
25-29 - Eżerċizzji tar-Randan (Form 2 u 3)
25 - Taħriġ Professjonali għall-Għalliema

# UFFIĊJALI 2008

## *Marzu*

3-7 - Eżerċizzji tar-Randan għall-Form 1, 4 u 5
5 - Attività għall-Ġenituri ta' l-Istudenti tal-Kulleġġ
10-12 - Sports Fest (Form 1-3)
13 - Jum il-Premjazzjoni
14 - Quddiesa f'Jum id-Duluri
17 - Sports Fest (Form 4 u 5)
18 - Jum il-Ġenituri
19 - Vaganza Pubblika
20-26 - Vaganzi ta' l-Għid
27 - Bidu tat-Tielet Term
31 - Vaganza Pubblika

## *April*

7-10 - Laqgħa fuq is-Suġġetti Magħżula (Form 2)
17-18 - L-Għażla tas-Suġġetti (Form 2)

## *Mejju*

1 - Vaganza Pubblika
5-9 - Sports Fest
6 - Laqgħa ta' l-Atletika (għall-iskejjel tas-sekondarja)
9 - Tagħrif fuq Karrieri (ħarġa edukattiva għall-Form 4)
19-23 - Assessjar (it-tielet term)
21 - Taħriġ Professjonali għall-Għalliema
28 - Seminar ta' Ġurnata għall-Għalliema
30 - Laqgħa fuq l-Ippjanar ta' l-Eżamijiet tas-SEC (Form 4)

## *Ġunju*

4 - Bidu tan-nofs ta' nhari
17-27 - Eżamijiet Annwali

**“Il-ħolma tiegħi li nibni raddiena tal-festa”**

Waqt il-lezzjonijiet tal-*Guidance* li jkollna fl-iskola, spiss tingħadilna din is-sentenza. Ma rridx ninstema’ li jien kontra l-kultura tal-festi Maltin li huma parti mill-identità ta’ pajjiżna imma li tifel jiġi għandek u jgħidlek li l-għan aħħari ta’ ħajtu huwa li jibni raddiena tal-ġiġġifogu tinkwetani. Nistaqsi dawn il-mistoqsijiet:

Minn daqshekk miri fil-ħajja, din hija l-mira li magħha t-tifel qed jorbot ħajtu tkunx suċċess jew le?

Per eżempju, il-valuri tax-xogħol u tas-solidarjetà ta’ bejnietna nħoss li huma neqsin fit-tfal ta’ l-iskola tagħna. Ix-xogħol huwa fatt tal-ħajja. Ikun xi jkun ix-xogħol, dan joffri sodisfazzjon kbir anke jekk fin-nofs hemm l-għaraq ta’ ġbin il-ħaddiem. Wara l-ħin tax-xogħol imbagħad ħalli tmur tagħti sehmek f’elf raddiena! Li tkun missier jew omm li tagħti ħajtek għal uliedek hija mira kważi qaddisa u raddiena tal-festa ħdejn dan ma tiswa xejn!

Il-ħajja tal-familja li jgħix fiha qed twassal lil dan it-tifel biex ikollu dan l-għan?

Ma rridx ninftiehem li kulma jagħmlu t-tfal għandu jkollu x’jaqsam ma’ skola. Ma naqbilx li l-ħajja tat-tfal għandha ddur biss ma’ ħidma akkademika, *homeworks*, studju u eżamijiet. Ħasra. Biss daqstant ieħor ma naqbilx li l-ħajja tal-familja għandha ddur fuq diskors dwar festi u rdieden tal-ġiġġifogu l-ħin kollu.

Hija mira personali jew mira biex permezz tagħha nimpika u nibbullja lil ħaddieħor?

Mira bħal din wisq nibża’ li hija ġejja minn pika u partiġġjaniżmu sfrenat. Naf x’qiegħed ngħid u l-irħula tal-Kulleġġ San Benedittu jġorru din il-pjaga. Għal tifel ta’ età daqshekk żgħira din il-pika tkun saret parti minn ħajtu għax jitkellem dwarha ma’ tal-familja u ma’ ħbiebu.

Nawgura lill-istudenti kollha li jilħqu l-għan ta’ ħajjithom li jibnu raddiena tal-festa u jintrefgħu fuq l-idejn waqt li tkun qed taqbad u jifirħu u jħossuhom kburin. Biss nawgura wisq aktar li wara li d-duħħan jgħib, il-festa tispiċċa u t-tifel ikun qiegħed jirrifletti ftit, ma jibkix kemm kien moħħu fir-raddiena tal-festa fi żmien meta kien ikun wisq aktar għaqli li jaħseb biex jinvesti fil-futur tiegħu bil-gwida ta’ l-għalliema u fuq kollox bis-sapport tal-familja.

R. Mifsud
Għalliem tal-*Guidance*

# HELP

Il-HELP huwa dokument imniedi riċentament mid-Diviżjoni ta' l-Edukazzjoni sabiex permezz ta' l-iskejjel titqajjem kuxjenza dwar l-importanza ta' dieta bilanċjata u eżerċizzju fiżiku għal stil ta' ħajja aħjar. L-għanijiet prinċipali tal-HELP (*Healthy Eating Lifestyle Plan*) huma li:

- Jinħatar kumitat (*Core Action Group*) f'kull skola, iffurmat minn għalliema, studenti u ġenituri, sabiex flimkien naħdmu fl-implimentazzjoni ta' dan id-dokument
- Tkun imfassla u implimentata *Healthy Eating Policy* fl-iskola, sabiex tagħti u tippromwovi ikel bilanċjat u nutrittiv li jbegħedna minn mard bħall-ħxuna, iz-zokkor, pressjoni għolja u problemi tal-qalb.
- Jinħolqu aktar opportunitajiet li jippromwovu l-attività fiżika u l-konsum ta' ikel ideali għal stil ta' ħajja aħjar, kemm ma' l-istudenti, kif ukoll ma' l-istaff.

**X'hemm ippjanat sabiex dan id-dokument jibda jkun imħaddan?**

- Qed nistiednu lill-ġenituri ta' studenti fl-ewwel, it-tieni u t-tielet sena li huma interessati li jiffurmaw parti mill-*Core Action Group* sabiex jimlew u jirritornaw kwestjonarju li se jitqassam lill-istudenti nhar it-Tnejn 19 ta' Novembru 2007.
- Ser nagħtu bidu għal sensiela ta' programmi li bla dubju se jolqtu l-gosti tagħkom il-ġenituri, fuq it-temi ta' ikel bnin u nutrittiv għal dieta aktar bilanċjata. Aktar informazzjoni tasal fi djarkom dan ix-xahar stess, permezz tat-tifel tiegħek.
- Hemm imfassal ukoll programm edukattiv rigward l-importanza ta' kolazzjon bnin għall-istudenti tat-tielet sena li ma jibbenefikawx minn programmi simili waqt ħin l-attività (*activity period*).

Għal aktar informazzjoni rigward id-dokument HELP idħlu fis-sit tad-Diviżjoni ta' l-Edukazzjoni:

**www.education.gov.mt/ministry/doc/help_healthyeating.htm**

Konvinta li r-rispons ser ikun wieħed pożittiv bħal dejjem.

R. Zammit
Għalliema u membru fil-kumitat HELP

# Ġimgħa ta' Sport fl-Iskola Tagħna

Għal din is-sena skolastika, id-Dipartiment ta' l-Edukazzjoni Fiżika ħaseb biex jorganizza tliet ġimgħat matul is-sena li ser ikunu ddedikati lill-isport. L-ewwel ġimgħa sportiva saret bejn it-12 u s-16 ta' Novembru. F'din il ġimgħa kull form kellha ġurnata bi programm imfassal għaliha. F'dawn il-ġranet l-istudenti kienu imqasma fi gruppi fejn flimkien esperjenzaw għadd ta' attivitajiet sportivi differenti fuq bażi mhux kompetittiva fosthom il-futbol, l-atletika, l-*handball*, *fun games* u l-logħba magħrufa bħala *tug of war.*



Flimkien ma' dawn l-attivitajiet, nhar it-Tnejn 12 ta' Novembru ġew mistiedna tliet skejjel; dik tal-Kulleġġ ta' San Injazju Sekondarja Subien, Antonio Bosio Sekondarja Subien u dik ta' San Franġisk t'Assisi Sekondarja Subien. Studenti mill-ewwel u t-tieni sena kkompetew f'żewġ turnej, wieħed tal-futbol u l-ieħor tal-*basketball*.



Iktar 'il quddiem matul din is-sena se norganizzaw attivitajiet simili, bl-għan li l-istudenti jsiru aktar konxji dwar l-importanza ta' l-isports f'ħajjithom.



Inħeġġu lilkom il-ġenituri biex tħajru lil uliedkom jieħdu sehem dejjem f'attivitajiet sportivi.

Kumitat Sports Fest



